# Tumas Mangion 1886-1954

*Kitba ta' Joseph Farrugia*



Tumas Mangion għad li ħalla ħafna tifkiriet, illum wara kważi 50 sena minn mewtu, nista' ngħid li ntesa għal kollox.



Meta fl-1923 tlesta t-tibdil fl-arkitettura tan-navi tal-knisja tagħna, beda t-tiżjin meħtieġ, fosthom artali u l-kwadri ta' pittura ġdida[1]. Għall-korsija kienu pproġettati linef sbieħ u sar konkors għal disinni ta' arkaturi li jinkwadraw fil-gwarniċa li jkunu kumplimentari b'disinn għall-lunetti ta' fuq il-pilastri u disinn ieħor ta' sopraporti għall-bibien taż-żewġ sagristiji. Intagħżlu d-disinji ta' Tumas Mangion.

Dan id-disinjatur twieled Ħal Qormi fit-18 t'April 1886 iben Xandru u Margerita nee Ellul. Kien magħruf f'Majsi ta' Xandru. In-nisel ta' din il-familja nafuh minn tagħrif miġbur mill-maħbub Kanonku Dun Gwakkin Schembri, B.A., Lic. D., L.S.S.

Ftit nafu fuq it-tfulija ta' Tumas għajr li l-ewwel taħriġ tiegħu fl-arti ħadu fi ħdan il-familja. Missieru fis-sengħa ta' bajjad kien imsemmi għad-dekorazzjonijiet fid-djar.[2] Xogħol f'din il-linja għadna nsibuh f'xi djar privati. F'żgħożitu Tumas attenda l-bottega ta' Ġużeppi Cali fejn kompla jitħarreġ fl-arti. Pittura, abbozz ta' San Xmun, Tumas ħallielna xhieda tal-livell għoli li kellu. Jista' jkun li dan kien maħsub għal xi artal. Kien imfittex ħafna għal disinji biż-żebgħa fuq xemgħa, tal-Knejjes.

Tumas Mangion kien għamel ukoll xi taħriġ ma' Carlo Darmanin. Ħasra li għad li nafu li għamel xi statwi tal-kartapesta, s'issa ma rnexxilix nidentifikahom. L-aħħar xogħol li ħadem f'din il-linja kien fis-sajf 1953 meta sewwa għadd kbir ta' statwi, armar tal-festa ta' San Gejtanu, mill-ħsara tax-xita. Tumas kien jaħdem fid-dar tiegħu fi Triq Santa Katarina, illum tagħmel parti mill-MUSEUM tal-bniet. Magħruf ħafna għal finezza ta' statwi minjaturi.



Tumas ħallielna bħala prova tal-majestrija tiegħu bħala disinjatur fis-sopraporti tas-sagristiji. U la Tumas hu wkoll id-disinjatur ta' l-arkaturi xieraq għall-istorja nagħti l-aħħar tagħrif fuqhom. Wara l-festa ta' San Ġorġ 2001 l-arkatrui tniżżlu għal tiswijiet u tpoġġew f'posthom għall-indoratura bi stil ġdid. Tlestew u kienu armati bid-damask għall-ftuħ tal-festi ċentinarji ta' San Ġorġ, nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2002.

Tumas Mangion kien artist li ħadem l-aktar b'amor propju billi kien impjegat regulari ma' l-ammiraljat fit-tarzna. Miet nhar it-3 ta' Novembru, 1954.

Ħajr:- Is-Sinjura Margaret Farrugia Mangion għat-tagħrif u r-ritratti.

Referenzi:-

(1) Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-ġrajja tagħha 1937 - C. Psaila p.71
(2) Ibid. p 49

***"Inħarsu ħuti għeżież, lejl dan is-suldat ta' l-eżerċtu tas-sema, mhux biss biex nistagħġbu bih, imma wkoll biex insiru nixbħuh; nerfgħu l-ispirtu tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-sema, indawru l-għajnejn ta' qalbna 'l fuq, biex ma nħallux lid-dinja ċċaqlaqna, la bil-ħlewwa u ż-żegħil tagħha, lanqas bit-thedid u l-korla tagħha għaina". – L-Isqof San Pietru Damiani.***